**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-31 t'Awwissu 2023**

**Rikors Numru : 321/2023JPG**

**Kawza Numru : 36**

**MF**

**U**

**JA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' MF u JA datat 8 ta' Gunju 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-knisja parrokkjali ta' Santa Katerina gewwa z-Zejtun, nhar is-sittax ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (16.07.2005) u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma tnizzlu l-ebda ulied;*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni redatt minn Nutar Dottor Patricia Vella Haber fl-erbatax ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (14.6.2016), kopja ta' liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok B;*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma kwalunkwe hlas ta' manteniment jew spejjez ohra fil-konfront ta' xulxin;*

5. *Illi ma hemm ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma legalment separati minn xulxin, huma ilhom ukoll snin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi qed jigi anness mar-rikors odjern affidavits tal-partijiet, hawn annessi u mmarkati bhala Dok C1 u Dok C2.*

*Għaldaqstant,u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MF xehed** (vide affidavit fol 9) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-16 ta' Lulju 2005 u li minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber datat 14 ta' Gunju 2016. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom.

**JA xehdet** (Vide Fol 10) u kkorroborat u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Lulju 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 1314/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber datat 14 ta' Gunju 2016. (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1314/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**